# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 18 ta' Lulju 2017**

**Numru 30**
**Rikors numru 10/17**

**Waste Collection Limited**

**v.**

**Il-Kunsill Lokali Hamrun u Saviour Mifsud**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tas-socjetà Waste Collection Limited li permezz tieghu qed titlob is-sospenzjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza ta' din il-Qorti moghtija fl-10 ta' Jannar 2017 li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni taghha. L-appell deciz f'dik id-data kien dwar tender ta' tindif li kien gie assenjat lill-intimat Mifsud.

L-istess intimat Mifsud qed jopponi u jghid li d-depozitu ta' sitt mitt Euro (€600) li sar mis-socjetà rikorrenti ma hux sufficjenti, meta l-valur tat-

tender kien ta' circa mitejn u sebgha u disghin elf Euro (€297,000). Din il-materja hija regolata bl-Artikolu 823 (2) tal-Kodici tal-Procedura:

> "*2) B'dak kollu li hemm fid-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), il-qorti li quddiemha tintalab ritrattazzjoni tista', ad istanza, b'rikors kemm quddiem il-Qorti tal-Appell kemm quddiem il-qorti tal-ewwel grad, tal-parti li tagħmel dik it-talba, tordna t-twaqqif ta' esekuzzjoni tas-sentenza jekk –*
>
> "*(a) flimkien mat-talba tagħha dik il-parti tagħti garanzija tajba għall-esekuzzjoni tas-sentenza, jekk ma tiġix imħassra, magħduda dik il-garanzija kif imsemmija fl-artikolu 266(10); u*
>
> "*(b) jiġi muri għas-sodisfazzjon tal-qorti illi l-esekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaġuna preġudizzju akbar lil dik il-parti milli t-twaqqif tal-esekuzzjoni tkun tikkaġuna lill-parti kuntrarja*".

Fit-trattazzjoni orali tal-Avukati tal-partijiet jidher li l-vertenza principali kien appuntu l-valur tal-garanzija li ghandha tinghata mir-rikorrenti biex tigi ordnata s-sospensjoni anke ghaliex l-istess Avukati informaw lill-Qorti illi l-Kunsill Lokali involut jidher li qed jippreferi jistenna l-ezitu tal-proceduri kollha quddiem il-Qorti qabel ma jibda jesegwixxi t-tender. L-abbli difensur tar-rikorrent sostna li ghall-fini tal-artikolu fuq imsemmi huwa bizzejjed li sar id-depozitu biex jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tal-proceduri fil-waqt li dak tal-intimat Mifsud argumenta li l-garanzija ghandha tkun tajba biex taghmel tajjeb ghall-hsara li qed issir lill-patrocinat tieghu bid-dewmien bl-esekuzzjoni tas-sentenza.

Din il-Qorti taqbel mal-ahhar argument. L-Artikolu 823 jaghmel riferenza ghall-garanzija tajba **ghall-esekuzzjoni tas-sentenza** fil-waqt li meta l-ligi tirreferi ghall-garanzija ghall-ispejjez tal-appelli fl-Artikolu 249 hija

tghid appuntu garanzija ghall-ispejjez. Ghalhekk il-Qorti ser tadotta l-istess principji li adottat fil-provvediment taghha moghti fis-27 ta' Gunju 2014, fl-ismijiet **Stivala Operators Limited v. Nashira Limited et**, meta ziedet l-ammont ta' garanzija li kellha taghti s-socjetà rikorrenti biex tigi sospiza l-esekuzzjoni tas-sentenza.

F'dan il-kaz, kif issemma, l-ammont tat-tender huwa ta' mitejn u sebgha u disghin elf Euro (€297,000) u allura din il-Qorti hi tal-fehema li l-ammont tal-garanzija ghandu jkun ta' ghaxart elef Euro (€10,000).

Ghalaqstant il-Qorti tilqa' t-talba u tordna s-sospenzjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza jekk is-socjeta rikorrenti taghti garanzija ta' ghaxart elef Euro (€10,000) li tinghata lill-intimat Mifsud jekk is-sentenza in kwistjoni ma tigix imhassra.

Spejjez ta' dan l-incident bla taxxa bejn il-kontendenti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb